MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 402/2013

**Alberto Favaro ID 66998A**

**vs**

**Silvio Bartolo f'ismu proprju u ghan-nom tas-socjeta' Light Projects Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-3 ta' Lulju 2013, fejn intalab li l-konvenuti jew min minnhom jigu kkundannati jhallsu lill-attur is-somma ta' elf, erba' mija u erbghin Euro (€1,440.00c) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attur sabiex l-konvenuti jew min minnhom jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Kodici tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux la fis-seduta tad-9 ta' Ottubru 2014, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha ttiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tal-attur tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenuti in solidum bejniethom jhallsu lill-attur s-somma ta' elf, erba' mija u erbghin Euro (€1,440.00c), bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti in solidum bejniethom.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------